# il-Ħuttafa

Numru **171**

Lulju - Awwissu 2022



**Ċiefa**

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Mark Anthony Falzon

Ġliba sabiħa
xilep *(salema)*

# Ħejj Ħuttaf...

mill-editur

L-Internet sabiħ imma kultant iqabbiżhieli u jkolli aptit ngħolli l-kompjuter mas-saqaf!

Kull meta niggugilja xi insett, **dejjem** jitilgħu salt websajts biex juruni kif neħles mill-insetti! Kif ngħarraq bejta nemel, kif nixwi bejta żnażan, partita gadgets biex nižżeppja dubbien, baħrijiet, ġurati, xwieni, ħniex, brimb u bebbux. Gwerra sħiħa!

Din il-gwerra tkun spiss minħabba l-injoranza. Il-kelma injorant ma tfissirx stupidu tafux. Stupidu tfisser xi ħadd moħħu batut. Injorant tfisser biss li hemm xi ħaġa ma tafhiex, għax għadek ma tgħallimthiex.



Victor Falzon

Imma ħafna nies flok jippruvaw jitgħallmu, jimlew moħħhom bi ħmerijiet li jisimgħu jew li jivvintaw huma stess.

Jibdew jitwerwru bix-xejn u jispiċċaw jeqirdu ħafna annimali bla tort. Bla tort, għax ħafna minn dawn il-ħlejjaq mhumiex ħsara jew periklu, anzi jiffurmaw parti mill-famużi *food chains* li nitgħallmu dwarhom fil-klassi. U tafu l-*food chains* kemm huma importanti.

Meta kont żgħir jien ukoll kont nitwerwer mill-ġurati. X'ma nibżax! Kulħadd kien jgħidli:

"Oqgħod attent, ruħi, għax dawk jagħtuk is-sikkina!"

Sikkina ta' moħħhom!

Meta dħalt fil-BirdLife għamilt ħbieb ma' nies li jifhmu **vera** fin-natura u malajr tgħallimt li l-ġurati la jagħtu skieken u lanqas frieket!

Għalhekk jien dejjem inħajjar tfal u żgħażagħ bħalkom biex jidħlu fil-BirdLife (kif jagħmel ukoll seħibna Nick – araw p. 12). Forsi fl-aħħar nirbħu l-gwerra, mhux kontra l-insetti imma kontra l-injoranza.

U issa komplu gawdu l-vaganzi ħbieb. U ojj! L-annimali tal-baħar ħalluhom bi kwiethom owkej!

*victor*
**Victor Falzon**
L-Editur

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

## Ċiefa

Scopoli's Shearwater *Calonectris diomedea*

Iċ-ċiefa tajra kbira tal-baħar. Tixbah il-gawwi, bi ġwienaħ twal u dojoq. Tgħix ħajjitha kollha fuq il-baħar imma fi żmien il-bejta tersaq lejn l-art biex tbejjet. Iċ-ċief ibejjet f'ħofor fis-sisien weqfin li pajjiżna nofsu mdawwar bihom. Fil-Gżejjer Maltin ibejtu xi 3000 par ta' ċief, numru sabiħ ħafna.

Jekk qatt ġejtu l-boat trips tal-BirdLife mela rajtuh żgur iċ-ċief!





Klabb Ħuttaf | Dinja Waħda | BirdLife Malta 60 1962–2022

## F'dil-ħarġa...

| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'rajt fil-ġnien | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Meta taqta' l-ħaxix... | 5 |
| Mudskippers | 6 |
| Ftit mammiferi | 7 |
| Spanjulett Sekond | 8–9 |
| The killifish | 10 |
| Colour the fish | 11 |
| Be nice to nature | 11 |
| Young Birders Club | 12 |
| The Migration Story | 13 |
| Woodlands | 14 |
| Il-wiżgħa tal-kampanja | 15 |
| It was summer! | 16 |

## Kitbu

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Nick Galea, Mark Gauci, Zak Spiteri, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and also do environmental work
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

It's even cheaper now!



## Kuntatti

tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Awwissu 2022
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052

# Kemmuna għall-Konkos



Kemmuna gżira bejn Malta u Għawdex. Hija gżira għażiża ħafna għal min iħobb in-natura għax Kemmuna għadek tista' tmur għall-kwiet bla ma tisma' l-istorbju tas-soltu u xxomm id-dħaħen tal-karozzi. Kemmuna mħarsa bil-liġi bħala **sit Natura 2000** – fil-fatt hija l-ikbar sit Natura 2000 (tal-art) li għandna. F'sit Natura 2000 suppost żvilupp isir mill-inqas.

Imm'issa fil-Bajja ta' Santa Marija se jinbena raħal bungalows (u lukanda fil-Bajja ta' San Niklaw)! Veru li fil-post fejn se jinbnew hemm diġà xi binjiet qodma imma l-iżvilupp il-ġdid se jordom roqgħa art ġdida fejn bħalissa għadu xagħri naturali. U se jinqatgħu wkoll mijiet ta' siġar.

Is-sidien tal-proġett ilkoll kliem sabiħ dwar kif kollox se jkun naturali u ta' ġid għall-ambjent. Ħmmm!

Il-proġetti tal-bini s-soltu jeqirdu n-natura, mhux jgħinuha!

# Bejjet Griżu!



Aron Tanti

**Iz-zakak tad-dell *(grey wagtail)* narawh fil-ħarifa u fix-xitwa. Mhux soltu jibqa' hawn u jbejjet ukoll, imma dis-sena par zizka bejtu b'suċċess fl-inħawi tal-Marsa. Prosit Griżu, jalla tbejtu kull sena.**


Be a BirdLife **Nature Guardian**




To learn more send an email to **mark.gauci@birdlifemalta.org**

# X'rajt fil-ġnien 8

Desirée Falzon
Detektiv



Victor Falzon




Ftit ilu kont qed niggosta serbut nemel ġej u sejjer mill-kompost. Viċin rajt bħal ħofor strambi fil-ħamrija mnejn kien għaddej in-nemel. Ħofor żgħar tondi (wisa' ta' €2) ġejjin għall-ponta qishom lembut.

Dak il-ħin waqgħet nemla f'waħda minnhom. Ippruvat terġa' titla' imma l-ħamrija fina ċediet u n-nemla reġgħet waqgħet s'isfel nett. F'daqqa waħda ħarġet ħaġa mill-qiegħ tal-ħofra, ħatfet in-nemla u ġibditha taħt il-ħamrija. Tant ġrat malajr li 'qas kont ċerta immaġinajthiex!

Bqajt inħares miblugħa u reġa' ġara l-istess: nemla taqa' fil-ħofra, titħabat biex titla', titgerbeb lura u f'tebqa t'għajn titfaċċa ħlejqa minn taħt il-ħamrija u tiblagħha!

Mort niġri għall-kamera u għall-ktieb tal-insetti. Kelli suspett x'seta' ħaffer dawk il-ħofor għax kont qrajt fuqhom. U hekk kien: dawn kienu **qerd in-nemel**. U kienu qed jaqbdu n-nemel!



Xagħat tal-qerd in-nemel

Il-qerd in-nemel huma insetti li jtiru, jixbhu lill-bizzilla. Ibidu f'ħamrija ramlija u x-[1]xgħat tagħhom ma jkunu jixbhu xejn lill-ġenituri. Ma jkollhomx ġwienaħ imma jkollhom xedaq b'saħħtu li jużawh biex jaqbdu n-nemel. U biex jimpalaw!




Minbarra ritratti jien ħadtilhom ukoll biċċa filmat, imbagħad qgħadt narah bis-*slow motion* ħalli nifhem aħjar x'kien qed jiġri. Waww! Meta sslowjajt il-filmat rajt kif il-qerd in-nemel iħaffer in-nassa billi jimxi b'lura f'forma ta' ċirku u juża x-xedaq biex jimpala l-ħamrija u jarmiha 'l barra miċ-ċirku. Kull darba li jdur iċekken iċ-ċirku u kull darba jinżel ftit iktar fil-fond. B'hekk il-ħofra tiġi forma [2]konika. Meta jasal fin-nofs, il-qerd in-nemel jinżel jistaħba taħt wiċċ il-ħamrija. Hemmhekk joqgħod jistenna, u x'ħin iħoss nemla titħabat biex taħrab min-nassa jibda jissuttaha bil-ħamrija sa ma taqa' lura... dritt għal ġo dak ix-xedaq!



Qerd in-nemel adult

Desirée Falzon

[1]**xgħat**. Iż-żgħar tal-insetti, bħal *caterpillar*
[2]**konika**. Forma ta' *cone*, bħal lembut



# L-Għasafar KOLLHA ta’ Malta

F’Malta s’issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta’ għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F’dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha! Dawn huma **Numri 21 sa 30**...

21 

Isem Malti
**Brajmla Rasha Sewda**
Isem Ingliż
**Greater Scaup**
Isem xjentifiku
*Aythya marila*

22 

Isem Malti
**Sarsella Ħamra**
Isem Ingliż
**Garganey**
Isem xjentifiku
*Spatula querquedula*

23 

Isem Malti
**Palettuna**
Isem Ingliż
**Northern Shoveler**
Isem xjentifiku
*Spatula clypeata*

24 

Isem Malti
**Sarsella tal-Faxx**
Isem Ingliż
**Blue-winged Teal**
Isem xjentifiku
*Spatula discors*

25 

Isem Malti
**Kuluvert Griż**
Isem Ingliż
**Gadwall**
Isem xjentifiku
*Mareca strepera*

26 

Isem Malti
**Silfjun Ewropew**
Isem Ingliż
**Eurasian Wigeon**
Isem xjentifiku
*Mareca penelope*

27 

Isem Malti
**Kuluvert**
Isem Ingliż
**Mallard**
Isem xjentifiku
*Anas platyrhynchos*

28 

Isem Malti
**Silfjun**
Isem Ingliż
**Northern Pintail**
Isem xjentifiku
*Anas acuta*

29 

Isem Malti
**Sarsella**
Isem Ingliż
**Common Teal**
Isem xjentifiku
*Anas crecca*

30 

Isem Malti
**Blonġun Żgħir**
Isem Ingliż
**Little Grebe**
Isem xjentifiku
*Tachybaptus ruficollis*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b’iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

Ritratti Aron Tanti, Victor Falzon, Denis Cachia, Ray Vella

# Meta naqtgħu l-ħaxix...

Meta’ taqta’ l-ħaxix, l-art mikxufa tinqela fix-xemx u t-temperatura titla’ sew. Il-ħamrija tinxef iktar malajr u iktar fil-fond. Ħafna ħniex u annimali żgħar oħrajn li jgħixu fil-ħamrija jmutu bis-sħana u bin-nixfa.




**Ħaxix mhux maqtugħ** | **Ħaxix maqtugħ 10ċm baxx** | **Ħamrija mikxufa**

Victor Falzon

MALTA NATIONAL AQUARIUM

# YOURS TO DISCOVER

# THE MUDSKIPPER

**Mudskippers are amphibious fish – they live in and out of water.**



## HOW CAN THEY BREATHE?

They can absorb oxygen through their skin, their throat and their mouth. They can also retain air bubbles in their gills!

Mudskippers' eyes resemble frogs' eyes! They are large and sit on top of their blunt heads. They can move independently of each other and they can see above and under the water surface at the same time!

## HOW DO THEY WALK?

These fish make use of type of movement known as 'crutching'. This name is given because their pectoral fins resemble a pair of crutches.



## WHERE DO THEY LIVE?

IN THE MANGROVE FOREST!
Mangroves are SURVIVORS!!
They live in conditions that would quickly kill most plants.



And, as their name suggests, they are great jumpers! They can jump up to 60 cm in air!

**LET'S PRESERVE MANGROVES**
**they act like nurseries for baby fish and so many other animals!**

**COME TO VISIT THEM AT THE MALTA NATIONAL AQUARIUM!**

Contact: info@aquarium.com.mt

**WWW.AQUARIUM.COM.MT**

# Ftit Mammiferi Maltin

Malta pajjiż żgħir iffullat bin-nies. M'hawnx post għal mammiferi kbar bħal ċriev u lpup. Il-ftit mammiferi li għandna huma żgħar, jew jgħixu fil-baħar. Ara taqtax x'jisimhom!

1

Victor Falzon

F'Malta għandna xi 10 speċi ta' friefet il-lejl. Dan wieħed minnhom.

2

Aron Tanti

3

Joe Sultana

4

Ian Balzan

Il-mammiferi ta' Malta huma mħarsin bil-liġi, ħlief il-firien u l-ġurdien tal-imramma.

U l-fenek!

Iva bilħaqq! Għal seba' xhur fis-sena l-kaċċaturi jistgħu jisparaw fuq il-fniek.

Msieken!

5

Gilbert Haber

6

Victor Falzon

arbablott

fundqa

ekenf

lestrippli

infled

dumbudeg

Dal-kliem imħawwad!

Mela bħalek!

Tweġibiet: 1 pipistrell • 2 ballottra • 3 qanfud • 4 denfil • 5 buġeddum • 6 fenek

# Spanjulett Sekond

## Lesser Kestrel *Falco naumanni*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud fl-inħawi tal-ajruport


60
BirdLife
1962 MALTA 2022



## HELLO!

## JIENA TIM,

Ħuta magħrufa bħala l-"Bużaqq". Bl-Ingliż isejħulna 'Mediterranean Killifish'.

Jekk tistaqsi lin-nies liema hija l-ħuta Nazzjonali ta' Malta, ħafna jweġbuk "il-Lampuka", però tajjeb tkunu tafu li l-ħuta Nazzjonali ta' Malta hija l-BUŻAQQ!

Aħna 'l Malta nħobbuha ħafna, u fiha naraw ħafna postijiet sbieħ, bħar-riservi tas-SALINI, il-MAGĦLUQ TA' MARSASKALA, l-GĦADIRA u s-SIMAR. Sfortunatament ħafna ħbieb minn tiegħi, ta' spiss kienu jinqabdu minn xi tfal, jitpoġġew f'vażetti żgħar, u wara ftit minuti, imutu fgati. ☹ Illum, grazzi għax-xogħol siewi ta' organizzazzjonijiet favur l-ambjent u l-għalliema, hawn aktar għarfien ambjentali u din il-prattika naqset ħafna.

Fl-2015 kien beda l-KILLIFISH CONSERVATION PROJECT, proġett sponsorjat mill-BANK OF VALLETTA, bejn NATURE TRUST - FEE MALTA, id-DIRETTORAT GĦALL-AKWAKULTURA u l-ERA biex dejjem jibqgħu jieħdu ħsiebna, il-Killifish Conservation Project qed jagħmlu riċerka, jaraw li jkun hawn ħafna aktar ħut bħali, jieħdu ħsieb postijiet li huma għal qalbna, u jgħallmu lin-nies dwarna.

Jien u l-ħbieb tiegħi nixtiequ nirringrazzjaw lill-Bank of Valletta li għenu lil Nature Trust - FEE Malta, biex flimkien mad-Direttorat għall-Akwakultura u l-ERA qegħdin jieħdu ħsiebna!

Grazzi wkoll lilkom it-tfal li meta tarawna ngħumu, tapprezzawna u tħalluna ngawdu l-ambjent naturali tagħna. ☺

Għal aktar informazzjoni dwar il-KILLIFISH CONSERVATION PROJECT, żur il-paġna ta' Facebook

Issa ħa nsaqsikom tliet mistoqsijiet biex nara jekk tgħallimtux xi ħaġa ġdida fuq il-Bużaqq u l-Killifish Conservation Project.

1. Liema hi l-ħuta Nazzjonali ta' Malta?
   - i) Il-Bużaqq
   - ii) Il-Lampuka
   - iii) Il-Vopa

2. Fejn tista' ssib il-Bużaqq f'Malta? Semmi tliet postijiet

   ------------------------------------------------

3. Liema huma organizzazzjonijiet li qed jieħdu ħsieb il-Killifish Conservation Project?

   ------------------------------------------------

BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Colour the fish



Victor Falzon



## Two-banded bream

The two-banded bream is a common fish we find in the sea around us. The young ones live in shallow water, right in those places where we like to swim. Get yourself a snorkel and look under the surface of the water. You may spot this curious fish watching you right back!

In Maltese we call this fish **xirgien**. Strange name, cute fish!




## Be Nice to Nature

Birds get thirsty when it's hot, like we do. If you have a garden, yard, roof or balcony, set up a drinking and bathing place for the poor sparrows. You need a shallow tray, a plastic bottle, a stick (old ruler), rubber bands and glue. Set them up like the picture on the left, fill the bottle with water, and there's your automatic water dispenser all set for birds to enjoy! Be nice to nature. Thank you.



# Young Birders Club



Hi, I'm Zak Spiteri, I'm 13 and I have been birding since I was eight. Recently I started going birdwatching with other birders. Some are my age, others are older. Earlier this year Nick Galea started a club for young birdwatching enthusiasts like me. This spring I joined them on three birdwatching meetups.



**Hi guys!**

I am Nick Galea. I'm a birder, a ringer and I have been an active BirdLife Malta member since I was a kid.

I know it can be hard for budding birders to find birds in Malta. So some months ago I set up the Young Birders Club for members aged 8 to 13 so we can share the wonders of birding in Malta. Our club aims to take you to the right place at the right time to see as many birds as possible throughout the year.

Zak Spiteri, one of our most active members, wrote these short reports about what we've been up to in spring. Zak focuses a lot on rare birds but at our outings we look at all of nature.

So if you want to start enjoying nature with us, autumn migration is right around the corner and it's a great time to start birding! Tell your parents and contact me on **nicholas.galea@birdlifemalta.org** and I'll let you know when our next meetup is.




Grey heron

## Għadira March 2022

We had this meetup at Għadira nature reserve on a really stormy Sunday. As soon as we entered, we saw the massive cloud of **barn swallows** and **house martins** feeding above the water. Later a large flock of **spotted redshanks** landed on an island to feed. We saw other waders, like **ruffs**, **little ringed plovers** and a **greenshank**. A real highlight showed up while we were watching Nick ringing a **red-rumped swallow** – a **woodpigeon** dashed across. Unfortunately none of us got good views but still we all saw this rare bird. Then someone saw a strange bird flying with the swallows and martins. It was a **crag martin**, another rarity. This time we all got good views.

## Majjistral March 2022

The second meetup was at Majjistral park. As soon as we arrived, we saw some **tawny pipits** and **Isabelline wheatears**. As we walked on we saw **northern wheatears**, **spectacled warblers**, **hoopoes** and even a **wryneck**, but the highlight was something much rarer. At first we thought it was a black-eared wheatear, but Nick noticed something different about it. We crept closer it until we realised it was a **desert wheatear**! This bird's natural range is the deserts of North Africa and the Middle East but this one made its way to Malta!



Desert wheatear

## Kemmuna April 2022

We got off to an exciting start with a **rufous-tailed scrub-robin** hopping around in some bushes, it was far off and didn't allow amazing views but we still saw it. At BirdLife's ringing station some exciting species were being ringed, like **hoopoe**, **scops owl**, **Moltoni's warbler** and several **nightjars**. We also saw a large flock of **bee-eaters** and a **short-eared owl** flying high overhead. We then walked around the island, searching for birds. We were surrounded by **chukars**, **woodchat shrikes** and **turtle doves** but the best was a very rare and shy **Eastern olivaceous warbler**. Back at the ringing station we had a short break, then went down to the bay for the boat back to Malta. But it didn't end there. Myles McClean, Ray Galea, myself and some others went to L-Aħrax, as earlier some other birders had spotted a very rare **hoopoe lark**. There were many people and we thought it had been scared off but Myles spotted it walking a few metres away from us! We got very good views of this rarity and it did not seem scared of us at all.



Hoopoe lark

**I'm really looking forward to this autumn migration for more meetups and more rare birds. If you're interested in birdwatching do join our club. I guarantee you'll see birds you have never seen before and learn all about them.**



Scops owl

All bird photos on this page by Zak Spiteri

The **Young Birders Club** is part of **Klabb Ħuttaf**.



# The Migration Story

Part 3

**What?**

It's not only birds that migrate, is it?

Quite right! Many other animals make amazing journeys every year.

## Some walk, some run . . .

We have all watched wildlife documentaries about the great migration of two million wildebeest and zebra across the Serengeti, braving crocodile-infested rivers in their search for fresh grassland. In Canada too, large herds of caribou make even longer journeys across the tundra, and saiga antelope do the same in Central Asia.





Dorado
Lampuka

## . . . others swim!

Several species of fish migrate, like tuna, swordfish, various sharks and of course dorado. Eels and salmon too migrate, but in an opposite direction: eels migrate from rivers down to the sea, and salmon migrate from the sea up the rivers to lay their eggs!



Fin Whale
Baliena Kbira

## Giants migrate . . .

Whales and dolphins too migrate between regions of the sea, looking for food and nice conditions. Fin whales are the second biggest animals on earth. They are present in the Mediterranean Sea, and some of them pass close to Malta on their way from the north to the south areas of the Mediterranean.







## . . . and tiny ones migrate!

What's really incredible is that even very small animals (like insects) migrate. Several species of butterflies, moths, grasshoppers and dragonflies make impressive journeys, even across wide seas. They all try to get away from nasty weather and to find food.

## And bats too!

Some bat species too migrate when the seasons change and their food begins to disappear. Some [1]insectivorous bats that live in Malta hibernate in winter, others fly away to warmer places.



Noctule
Noktula

If you go to Is-Simar nature reserve, you will see this page as a nice big board!

This is the third of four boards. We'll get Number 4 in next issue.

[1]**insectivorous**. An animal that eats insects

Text **Mark Gauci** • Drawings **Victor Falzon** • Photographs **Guido Bonett, Desirée Falzon, Aron Tanti**

# Woodlands

Mediterranean woodlands are typically characterised by evergreen trees with small shrubs covering the undergrowth.

This is the highest type of vegetation that can develop in a Mediterranean climate, it typically develops from maquis, in the absence of disturbance caused by man.

In Malta, this habitat was virtually exterminated, following colonisation by man and through the grazing effects of introduced sheep and goats.

Nowadays, only a few remnants remain, small copses of the Holm Oak (Il-balluta) and the Aleppo Pine (Iż-żnuber) may be found at Il-Ballut tal-Wardija, Il-Ballut tal-Imġiebaħ, Ta' Baldu/Wied Ħażrun, and Il-Bosk in Buskett. Some of the Holm Oaks are estimated to be 500 to 900 years old.

A prime example of this habitat is Il-Buskett, which is located on the south west coast of Malta. It is a semi-natural woodland where trees, namely the Aleppo Pine, together with the Holm Oak, the Olive tree, and the Carob tree (Il-ħarruba) regenerate naturally.

This area is also important for many wood-associated species, including invertebrates, fungi, and birds.




Il-Buskett

ERA
Environment & Resources Authority

## Habitats in Malta

# F A T T I F A W N A




Victor Falzon

# il-Wiżgħa tal-kampanja

- **Il-wiżgħa tal-kampanja (Moorish gecko) hija rettilu u hija waħda minn żewġ speċi ta' wiżgħat li jinsabu Malta. L-ispeċi l-oħra hija l-wiżgħa tad-djar (Turkish gecko).**
- **L-isem xjentifiku huwa *Tarentola mauritanica* imma m'għandhiex x'taqsam mat-tarantula!**
- **Il-wiżgħa tal-kampanja hija [1]indiġena f'pajjiżna, imma mhix [2]endemika għax mifruxa ma' diversi pajjiżi oħra tal-Mediterran.**
- **Tikber sa xi 15ċm. Ġisimha robust b'ringieli [3]skwami ppuntati li jagħtu dehra ta' ġilda ħarxa. Tvarja ħafna fil-lewn, minn safranija ċara sa kannella skura kważi sewda.**
- **Il-wiżgħa toħroġ tikkaċċja billejl. Taqbad baħrijiet u insetti oħra. Spiss tħuf ħitan ħdejn lampi tat-triq, għax id-dawl jiġbed l-insetti. Għajnejha kbar ħalli tara fid-dlam.**
- **Bħal ħafna rettili, fix-xhur kesħin il-wiżgħa tal-kampanja tagħmel ħinijiet twal rieqda moħbija.**
- **Bħall-wiżgħa tad-djar, il-wiżgħa tal-kampanja kapaċi titla' mal-ħitan u tiġri mas-soqfa bla ma taqa'. Dan tagħmlu mhux bis-*suckers* imma b'suf fin ma' subgħajha li jiggranfa l-iċken tumbata f'wiċċ il-ħajt jew saqaf.**
- **Binhar torqod fi xquq qalb il-ġebel jew taħt il-qoxra tas-siġar. Spiss però toħroġ binhar u tongħos fuq xi zokk jew blata sħuna.**
- **Il-ħitan tas-sejjieħ ambjent tajjeb għall-wiżgħa biex tistaħba, torqod u anke tbid.**
- **Bħar-rettili kollha ta' Malta, il-wiżgħa tal-kampanja mħarsa bil-liġi.**

---

[1]**indiġena.** Speċi li minn dejjem kienet tgħix f'dak il-post
[2]**endemika.** Speċi li tinsab biss f'reġjun jew pajjiż wieħed
[3]**skwami.** Qxur ibsin li jiksu l-ġilda (bl-Ingliż *scales*)




ECOHIVE MISSIONS
IT WAS SUMMER
WRITTEN BY ELENA
IT WAS A FEAST DAY AT ECOHIVE.
I CAN'T WAIT TO SEE THE FIREWORKS SHOW TONIGHT!
ME TOO! I HEARD THEY PLANNED SOMETHING SPECIAL.
EVERYONE, LET'S HAVE SOME FOOD BEFORE THE GRAND FINALE!
BUT A CERTAIN PARTY POOPER WAS HAVING NONE OF IT!
WHAT'S THIS?! A FEAST I WASN'T INVITED TO?! MY FEELINGS ARE DEEPLY HURT!
HEHEHE...
I SNEAKILY FILLED ALL THE FIREWORKS WITH SHREDDED PLASTIC THAT WILL COVER EVERYTHING IN SIGHT! THAT SHOULD CUT THEIR PATHETIC, LITTLE PARTY SHORT!
GARBAGE MONSTER?! WHAT ARE YOU DOING HERE?!
AS AN HONORARY MEMBER OF ECOHIVE, I'M HERE FOR THE FEAST, OF COURSE! DID YOU FORGET TO SEND ME AN INVITE?
ALRIGHT... YOU CAN STAY. BUT NO FUNNY BUSINESS THIS TIME AROUND, OK?
SURE, SURE... WHATEVER YOU SAY, "BOSS"!
COME ON, GUYS! THE FIREWORKS ALREADY STARTED!
OH... I CAN'T WAIT TO SEE!
WOW, SO PRETTY! IT LOOKS LIKE SNOW!
HOLD ON A SECOND...
THIS ISN'T SNOW... IT'S PLASTIC!
IT WAS THE GARBAGE MONSTER! AND HE'S RUNNING AWAY!
LET ME KNOW HOW THE CLEAN UP GOES, LOSERS!
HAHAHA!!!
CALLING ON ALL ECOHIVE AGENTS! WE HAVE AN ECO EMERGENCY! IT'S NOT A DRILL!
ECOHIVE ECO ALERT!
THE FEAST IS RUINED AND SO IS THE ENVIRONMENT! HE DID IT AGAIN!
WE'LL GET HIM NEXT TIME! UNTIL THEN, WE NEED TO CONTAIN THIS MESS BEFORE IT SPREADS TO THE SEA!
THANKS TO TEAMWORK ALL THAT PLASTIC WILL NOT END UP ENDANGERING MARINE LIFE.
BEFORE WE CONTINUE THE FEAST, LET'S TAKE ALL THE BAGS TO ECOHIVE RECYCLING!
REMEMBER, SMALL PIECES OF PLASTIC, KNOWN AS MICROPLASTICS ARE EXTREMELY DANGEROUS TO THE ENVIRONMENT AND ARE A MAJOR POLLUTANT.
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS